Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 36 ( seduta b'urgenza), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2014, fil-5.30 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana ( S.C.)<br>Steven Grech (S.G.) |
| Skuzat | Dr.Angelo Micallef (A.M.) |
| Assenti | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Swieq fil-berah

**Talba**
Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**36/01 Swieq fil-berah**

36/01/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi s-Sur Angelo Micallef kien baghat e-mail (kopja annessa) li permezz tieghu kien talab illi jkun skuzat mis-seduta minhabba impenji personali. Permezz ta' e-mail separata, is-Sur Angelo Micallef baghat il-kontribut tieghu rigward is-suggett li kien ser jigi diskuss liema kontribut gie moqri waqt is-seduta. Il-Kunsill Lokali qabel illi s-Sur Angelo Micallef kellu jkun skuzat.

36/01/02 Is-Sindku qal illi l-mezzi tax-xandir u l-istampa kienu ippublikaw artikli b'referenza mas-suq fil-berah li jopera nhar ta' Hadd minn Marsaxlokk. L-artikli kienu jaghmlu referenza ghal-stqarrija ghall-istampa mahruga mill-Assocjazzjoni bejjiegha tal-Monti, liema stqarrija kienet tghid illi kien intlehaq qbil bejn l-istess Assocjazzjoni Bejjiegha tal-Monti u l-Ministeru ghas-Sahha u l-Energija sabiex is-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd, inkluz il-vannijiet tal-bejjiegha, ma' jkunux mittiefsa kawza ta' progett ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost li jigi attwat fil-lokalita'.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-materja in-kwistjoni u ssemmew fost ohrajn, il-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kienx konxju mill-ftehim milhuq bejn l-Assocjazzjoni u l-Ministeru u l-problemi li kienu joholqu l-vannijiet tal-bejjiegha tal-monti. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu johrog stqarrija ghall-istampa sabiex tkun maghrufa l-pozizzjoni tal-Kunsill

Lokali rigward is-swieq fil-berah u l-istqarrija mahruga mill-Assocjazzjoni tal-Bejjiegha tal-Monti. F'dan ir-rigward, is-Sindku qal illi huwa kien hejja abbozz ta' stqarrija ghall-istampa. Wara li inqrat l-istqarrija ghall-istampa li kien hejja s-Sindku (liema stqarrija tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti), kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat l-istqarrija ghall-istampa hekk kif propost.

Is-Sindku qal illi fid-dawl tal-fatti li kienu graw, fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jirrevedi l-pozizzjoni tieghu rigward l-operat tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni mas-Swieq fil-berah. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali ma kellux jibqa' jikri s-servizzi ta' gwardjan lokali sabiex tittiehed ir-rassenja tal-bejjiegha.

F'dan l-istadju, is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien legalment responsabbli mis-swieq fil-berah, inkluz it-tehid tar-rassenja tal-bejjiegha. Wara diskussjoni dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi t-tehid tar-rassenja tal-bejjiegha tas-Suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd kelha titwaqqaf b'effett immedjat

Is-Seduta intemmet fis-7:00p.m.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **Perit Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Data: ____________________

## Hall Duncan at DLG

| | |
|---|---|
| **From:** | Angelo Micallef [angelo.micallef@gmail.com] |
| **Sent:** | 05 May 2014 15:45 |
| **To:** | Marsaxlokk Local Council at DLG |
| **Cc:** | Edric Micallef; Micallef Edric at Transport; Bugeja Carmelo at DLG; Grech Steven at DLG; Caruana Stephen at DLG |
| **Subject:** | Re: laqgha b'urgenza - agenda 36 |

http://www.tvm.com.mt/news/il-monti-ta-marsaxlokk-se-jibqa-kif-inhu/

Duncan/Sindku,

Qieghed nimagina li l-laqgha ta' ghada hija b'rabta mal-kontenut ta' din l-istorja. Peress li ma nistax nattendi nixtieq nwassal il-veduti tieghi permezz ta' din l-email li nitlob li tigi moqrija fil-laqgha u mehuda bhala l-kontribut tieghi.

Nibda billi nesprimi d-dispjacir tieghi li l-Kunsill Lokali gie maqbuz ghal kollox mill-awtoritajiet u bl-ebda mod ma' gie kkalkultar u/jew kkonsultat. Fih nnifsu dan l-att juri disrispett mhux biss lejn il-Kunsill Lokali bhala organu izda anke lejn ir-residenti li l-istess Kunsill jirraprezenta. Fic-cirkostanzi, issa ga la darba hemm ftehim u li allura a bazi ta' dan il-ftiehem ser jimxi l-process minn hawn il-quddiem nhoss li l-Kunsill ghandu jiddiskuti u jezamina l-possibilita' li ma' jibqax jkun bl-ebda mod responsabbli tal-monti u li tali responsabilita' tghaddi f'idejn il-gvern centrali ga la darba il-gvern hass li kellu jaghmel tali ftehiem minghajr qas biss informa u/jew ikkonsulta mal-Kunsill.

Dan ghandu jsir fl-ahjar interess tal-lokalita', tal-bejjiegha, tar-residenti u tal-istess Kunsill sabiex b'hekk l-affarijiet ikunu cari u kull materja dwar is-suggett tkun strettament materja f'idejn il-gvern centrali.

Ntenni li f'dinja ideali dan ma kienx ikun il-kaz u kien ikun ahjar kieku l-process sar id f'id u bi process ta' konsultazzjoni izda ghal maghmul ma hemmx kunsill.

Mill-gdid niskuza ruhi ghall-assenza tieghi.

Nselli ghalikom,

On Mon, May 5, 2014 at 12:13 PM, Marsaxlokk Local Council at DLG <marsaxlokk.lc@gov.mt> wrote:

Kindly see attached

**Caroline Desira**

***Assistant Principal***

---

*Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council*

**KunsillLokali–Marsaxlokk– Local Council**
2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
Tel: 21652525, 21650937. Fax: 21659555
Email: marsaxlokk.lc@gov.mt
Web: www.lc.gov.mt

36/113/14/0

6 ta' Mejju, 2014

**Stqarrija għall-Istampa u mezzi tax-Xandir b'referenza għall-istqarrija maħruġa mill-Assocjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Monti**

Il-Kunsill Lokali innota li l-Assocjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Monti ħarġet stqarrija fejn qalet li laħqet ftehim mal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa biex il-posti u l-vannijiet jibqgħu jarmaw kif inhuma.

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jiddikkjara li m'huwiex konxju minn dan l-imsemmi ftehim imsemmi mill-Assoccjazzjoni tal-bejjiegħa tal-Monti. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali qed jistenna li l-Ministeru imsemmi fl-istqarrija tal-Assoccjazzjoni jgħid jekk hux veru li intlaħaq dan il-ftehim.

Il-Kunsill Lokali ifakkar li f'Diċembru li għadda, il-Gvern Centrali waqqaf Kumitat Konsultattiv dwar l-organizzazzjoni tad-diversi Swieq fil-Beraħ li jirrapporta lill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar li taħtu jaqgħu ir-responsabbiltajiet tas-Swieq. S'issa il-Kunsill Lokali għadu ma ġiex avvicinat minn dan il-Kumitat Konsultattiv.

Il-Kunsill m'huwiex kuntent bis-sitwazzjoni kif inhi fejn il-vannijiet tal-monti qed jipparkjaw f'Xatt is-Sajjieda b'mod li joħolqu inkonvenjent u jkerrħu l-ambjent tax-Xatt. Il-Kunsill jixtieq li l-bejjiegħa jarmaw l-istalls tagħhom b'mod organizzat u li l-vetturi tagħhom imorru jipparkjawhom x'imkien ieħor, bħal kif isir f'San Girgor u f'okkażjonijiet oħra bħall-Karnival. Din mhix sitwazzjoni ġdida għal Malta għax is-Suq ta' kuljum tal-Belt hekk isir.

Il-Kunsill Lokali lanqas ma huwa kuntent bl-ammont ta' skart li jitħalla matul Xatt is-Sajjieda wara l-operat tal-bejjiegħa kull nhar ta' Ħadd, liema skart qiegħdin isofru l-konsegwenzi tiegħu il-komunita' Xlukkajra u n-nies li jżuru l-lokalita'. Għal dan l-iskart, il-bejjiegħa ma jagħtu ebda kontibut.

Ghaldaqstant il-Kunsill jappella biex id-decizjonijiet jittieħdu fl-interess ta' x'inhu sew li jsir u wara process ta' konsultazzjoni.

Perit Edric Micallef

Sindku

Sindku/Mayor: Perit Edric Micallef
Vici-Sindku/Deputy Mayor: Carmelo Bugeja
Kunsilliera/Councillors: Dr.Angelo Micallef / Steven Grech / Stephen Caruana
Segretarju Eżekuttiv/Executive Secretary: Duncan Hall

## Hall Duncan at DLG

**From:** Angelo Micallef [angelo.micallef@gmail.com]
**Sent:** 24 April 2014 15:14
**To:** Marsaxlokk Local Council at DLG
**Cc:** Edric Micallef; Micallef Edric at Transport
**Subject:** Re: agenda 35

Nitlob li nigi skuzat ghal din il-laqgha izda fl-istess hin ghandi mpenn iehor ta' certu importanza. Ser nkun qieghed nibghat il-feedback tieghi dwar din il-materja bil-miktub liema feedback nitlob li jigi rrekordjajt bhala moqri u kkunsidrat.

On Thu, Apr 24, 2014 at 2:40 PM, Marsaxlokk Local Council at DLG <marsaxlokk.lc@gov.mt> wrote:

Kindly see attached agenda

**Caroline Desira**

***Assistant Principal***

---

*Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council*

*2, Triq Vittorio Cassar,*

*Marsaxlokk. MXK1051 - Malta*

*Tel: (+356) 2165 2525 / (+356) 2165 0937*

*Fax: (+356) 2165 9555*

*Email: marsaxlokk.lc@gov.mt*

--
Dr. Angelo Micallef